# X'għandna niktbu *gods* jew *gozz*? *Geddes* jew *gezzez*?

Minn Olvin Vella

Niktbuhom it-tnejn għax it-tnejn tajbin, u jfissru eżatt l-istess.

L-ewwel ma eżistiet **geddes,** bl-għerq **g.d.s**. In-nom bl-istess għerq hu **gods** u l-plural tiegħu **gdus**.

## *Konferma mid-dizzjunarji storiċi*

Għedna li l-ewwel ma eżistiet **geddes**. Dan narawh f'dizzjunarju Malti-Taljan ta' madwar l-1640: insibu **gheddes**, bit-Taljan **accumulare**. Fl-istess folja tad-dizzjunarju nsibu n-nom **gheds** (=geds, jiġifieri gods) bit-tifsira **monzellino**.[1]

## *Il-bidla geddes > gezzez?*

Il-bidla ma saritx b'kapriċċ. Saret għax in-nom miktub **gods** jitlissen **gozz** u missirijietna, inġenjożament, ħadmu b'lura l-verb **gezzez**.

Ħasbu xi ħaġa hekk: jekk **sadd** (in-nom) marbut ma' **saddad**; **bexx** (in-nom) marbut ma' **bexxex**, mela **gozz** (kif kienu jisimgħu *gods*) marbut ma' **gezzez**.

## *Il-bidla gdus > gzuz*

U bħalma minn **moħħ** innisslu **mħuħ**, minn **gozz** bdew inisslu **gzuz.**

## *Back formation (terminu lingwistiku)*

Dan il-mekkaniżmu li noħolqu l-ġdid billi nimxu b'lura, teknikament bl-Ingliż isibuh **back formation**. Huwa fenomenu lingwistiku li jiġri spiss. Każ ieħor fil-Malti huwa l-ħolqien ta' "forom ġodda" bħal **tfittxija**.

[1] Il-manuskritt *Regole per la Lingua Maltese* jinsab Ruma u ġie stampat fi żmienna minn Arnold Cassola. Il-kelma geddes insibuha f'folja 142v.

## *It-tiftix jew it-tfittxija?*

Minn **fittex** innisslu **jfittxu**, li tinstema' **jfiċċu* (attenti: ma niktbuhiex hekk). U peress li **jfiċċu* tinstema' bħal **jħallu** u **jwellu**, l-għerq **f.t.x** reġa' ġie interpretat **f.ċ.j* (bħal **ħ.l.j** u **w.l.j**).

Mela missirijietna, bħalma mill-għeruq **ħ.l.j** u **w.l.j** kienu jnisslu n-nomi **tħollija** u **twellija**, minn **f.ċ.j* bdew inisslu **tfiċċija.* Aħna naċċettaw dan il-ħoss "ġdid" imma niktbuh bl-għerq qadim **f.t.x**: **tfittxija**).

## *U qabel **tfittxija** x'kienu jgħidu?*

Ħeqq, bħalma minn **sallab** u **farrak** innisslu **tislib** u **tifrik**, minn **fittex** innisslu **tiftix**.

**Tiftix** għadha tintuża imma ħafna għandhom l-impressjoni li **tfittxija** tinstema' aktar.

## *U għax il-kliem ċirasa ... nispjegaw il-każ ta' **tilja***

Fl-espressjoni "għandu tilja dejn", **tilja** x'inhu l-għerq tagħha?

**Tilja** hija kelma li ma ssibha mkien iżjed ħlief fil-Malti. L-għerq tagħha storikament hu **m.l.j**.

Għax darba waħda kien hemm ... **mela** (il-verb), u minnu nissilna t-tmien forma: **mtela** ... li <u>llissnuh</u> **ntela* ... bħal **nkesa** ... u la ngħidu **nkesa kisja**, bdejna ngħidu wkoll **ntela* **tilja**.

Interessanti li, minkejja dan kollu, xi djaletti Maltin ma jafux x'inhi **tilja** u flokha jużaw dejjem **milja**.

Ngħidu aħna, l-awtur Pierre J. Mejlak, Naduri, jikteb:

*"U wieħed qisu kamikaże, bi flixkun tal-Ħenikin taħt abtu u bi tnejn oħra miżmuma b'rogħda wara ċ-ċintorin, infexx f'litanija insulti u ftit żgħażagħ madwaru għamlulu l-wisa' għax beżgħu li l-kamikaże jlesti t-talb u **jimtlew milja** Ħenikin żul minn hemm."*

(Misluta min-novella "Ir-riħ tal-bidla" fil-ktieb *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita,* 2009)